# Mons. Emanuel Gerada
# *60 sena saċerdot*

Eżattament 60 sena ilu, iż-Żejtuni Emanuel Gerada, iben l-ispiżjar Onorato u Katarina, imwielda Cannataci, ġie ordnat saċerdot, nhar l-1 t'Awissu, 1943, mill-Isqof Emanuel Galea, li għalkemm twieled l-Isla, kien ġie joqgħod fiż-Żejtun minħabba l-gwerra. Biex jordna saċerdot, Dun Manwel Gerada kellu bżonn permess speċjali minn Ruma għaliex lanqas kien għadu għalaq l-24 sena.

Matul il-gwerra l-qniepen tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun ma kienux idoqqu, iżda kisru s-silenzju monotonu tagħhom biex daqqew ferħana nhar l-Ewwel Quddiesa Solenni ta' Dun Manwel tliet ġimgħat wara l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Is-sena ta' wara hu ġie regalat borża ta' studju mill-British Council u beda kors fl-Universitaċ ta' Nottingham fl-Ingilterra. Fil-kors ta' Teoloġija fl-Universita' ta' Malta, hu kien ġie l-ewwel, u bħala riżultat ta' dan, kompla jistudja fl-Universita' Gregorjana ta' Ruma, fejn iggradwa fil-Liġi tal-Knisja. Wara qabad kors speċjali fid-Diplomazija tal-Knisja fil-Pontificia Accademia ta' Ruma. Mons. Giovanni Battista Montini, li wara laħaq Papa Pawlu VI, kellu kliem ta' tifħir dwaru meta kiteb lil Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta.

Wara dawn l-istudji bdiet għalih karriera twila diplomatika. Fl-1952 beda jaħdem fl-Internunzjatura ta' l-Eġittu u sena wara ġie mibgħut New Delhi, l-Indja. Kien dak iż-żmien li Dun Manwel ġie onorat bit-titlu ta' Kamrier Sigriet tal-Papa. Fl-1956, Dun Manwel, issa monsinjur, mar l-Irlanda bħala segretarju tan-Nunzju, l-E.T. Mons. Levame. Fl-1960 ġie trasferit bħala uditore għan-Nunzjatura ta' Tokjo, il-Ġappun, u ħames snin wara sab ruħu fil-Messiku. Fl-1967 ġie ordnat isqof fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, Malta, u maħtur ukoll isqof awżiljarju ta' Malta u isqof titulari ta' Nomentum. Fl-1974 Mons. Gerada ġie nominat Nunzju għall-Vatikan fil-Gwatemala u El Salvador, u hawn kellu probabilment l-aktar perjodu iebes u delikat fil-ħajja kollha tiegħu diplomatika, għaliex kien żmien meta dawn il-pajjiżi kienu mifnija b'firda kbira bejn il-Gvernijiet u l-bdiewa foqra. Fl-1980 Mons. Gerada inħatar Pro-Nunzju fil-Pakistan u fl-1989 Nunzju fl-Irlanda.

Minn qalbna nifirħu lil Mons. Gerada fl-okkażjoni sabiħa tal-Ġublew tad-Djamant ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu, u flimkien miegħu, inroddu ħajr lill-Mulej għall-missjoni li, bil-grazzja Tiegħu, Mons. Gerada għaraf iwettaq bħala saċerdot għall-ġid tal-Knisja Mqaddsa, f'dawn l-aħħar sittin sena li għaddew.

***Dun Joe Abela***



